

**Avviż tal-Kummissjoni li jaġġorna l-lista tal-partijiet li qed jiġu eżaminati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 dwar l-eżenzjoni mid-dazju estiż ta' anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti partijiet tar-roti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina**

(2008/C 310/07)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 <sup>(1)</sup> tal-20 ta' Jannar 1997 jawtorizza l-eżenzjoni mid-dazju estiż ta' anti-dumping dwar importazzjonijiet ta' ċerti partijiet tar-roti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Dan id-dazju nħoloq bħala riżultat ta' estensjoni bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 <sup>(2)</sup> tad-dazju ta' anti-dumping impost bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 <sup>(3)</sup>, u fl-aħħar miżmum bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/2005 <sup>(4)</sup>. L-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 jinkludi lista ta' partijiet li t-talbiet tagħhom għal awtorizzazzjoni għal eżenzjoni mid-dazju estiż impost bir-Regolament (KE) Nru 71/97 kienu qed jiġu eżaminati.

Il-partijiet interessati huma b'dan infurmati li waslu aktar talbiet għal eżenzjoni, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97, u ta' talbiet li f'dan l-istadju għadhom qed jiġu eżaminati. Is-sospensjoni mid-dazju estiż, wara dawn it-talbiet, daħlet fis-seħħ kif jidher fl-Anness I ta' dan l-avviż, li huwa żieda fil-lista ta' partijiet li qed jiġu eżaminati.

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 17, 21.1.1997, p. 17.

<sup>(2)</sup> ĠUL 16, 18.1.1997, p. 55.

<sup>(3)</sup> ĠUL 228, 9.9.1993, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠUL 183, 14.7.2005, p. 1

## ANNEX

## Partijiet li qed jiġu eżaminati

| Isem                                  | Indirizz   | Pajjiż | Sospensjoni konformi mar-Regolament (KE) Nru 88/97 | Data ta' dħul fis-seħħ | Il-kodiċi addizzjonali Taric |
|---------------------------------------|--|--------|--|------------------------|------------------------------|
| Citic – Marmes Bicycle CZ, s. r. o.   | Žichlínské předměstí, Albrechtická 391, CZ-563 01 Lanškroun                | CZ     | Artikolu 5   | 23.5.2008              | A891                         |
| Euro-Bike Produktionsgesellschaft mbH | Biaser Straße 29, D-39261 Zerbst   | DE     | Artikolu 5   | 15.10.2007             | A873                         |
| MADIROM PROD Srl.                     | București, Sector 6, Splaiul Independenței nr. 319, OB. 152, România       | RO     | Artikolu 5   | 11.8.2008              | A896                         |
| S.C. Rich Euro Bike SRL               | București, Urziceni Route, nr. 54A, Afumati, Ilfov County, 077010, România | RO     | Artikolu 5   | 10.7.2008              | A895                         |
| Rose Versand GmbH                     | Schersweide 4, D-46395 Bocholt   | DE     | Artikolu 5   | 16.9.2008              | A897                         |